**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 03/10(29_03_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Marzu 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-Offerti Provvista u Twaħħil ta' Pannelli Solari.
6. Kwotazzjonijiet għal Għamara tat-Toroq u *Playing Field*.
7. Sejħa għall-Offerti għal Ġbir ta' Skart Domestiku.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 39/2010 mingħand is-Senior Principal (EU & International Affairs), Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013 immirata għall-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 40/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Dokument tar-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 41/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Linji Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 42/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari Numru 15510'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 43/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sejħa għal Segretarji Eżekuttivi mal-Kumitati Reġjonali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 44/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsija Parlamentari numru 15514'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 45/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti Ġodda dwar *Resurfacing* ta' Toroq b' Sistema ta' *Public Private Partnership*'.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Arkadia Marketing Limited rigward il-pubblikazzjoni 'Your Gozo Guide' li din il-Kumpanija għadha kemm bdiet tippubblika.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Planning and Priorities Coordination Division fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward 'Local Councils: Call for Project Proposals ERDF (European Regional Development Fund)'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Laqgħa ta' informazzjoni għall-pubbliku ġewwa Għawdex dwar *scholarships'*.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-GRTU fejn qed jinformaw lill-Kunsill li l-GRTU, Malta Chamber of SMEs jixtiequ li ssir laqgħa mal-Kunsill.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Bank of Valletta p.l.c. rigward 'Product Development & Niche Market Development and Branding has been launched'.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward il-konferenza annwali kontra l-abbuż tad-droga, li ser issir bejn it-22 u l-24 t' April 2010, fil-Kempinski Hotel, Għawdex.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05793/09 – *To construct five flats at third floor level and two penthouses* fi Triq ir-Rančiż kantuniera ma' Triq ir-Rabat, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 00685/10 – *To amend permission PA1590/80 by extending stairs to 4th floor and increase in height of 3rd floor to 11 courses* fi Triq il-Qroll, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali Pembroke rigward 'Il-Konferenza ta' l-ECAD (European Cities Against Drugs) bejn it-22 u l-24 t' April 2010'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Seminar għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali dwar il-ħatra tagħhom fis-Servizz Ċivili'.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05793/09 – *To construct five flats at third floor level and two penthouses* fi Triq ir-Ranċiż kantuniera ma' Triq ir-Rabat, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 00685/10 – *To amend permission PA1590/80 by extending stairs to 4th floor and increase in height of 3rd floor to 11 courses* fi Triq il-Qroll, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 00851/10 – *To sanction variations from approved drawings of permission PA5327/07 consisting of increase in height of opramorta, proposed washroom, division of roof area and variations in facade elements* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq il-Munxar, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.18 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħat liċ-*Chief Executive Officer* tal-Water Services Corporation rigward il-kontijiet pendenti, l-iffirmar tal-kuntratt bejn il-Water Services Corporation u l-Kunsilli Lokali u l-passi li ser jittieħdu.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fis-26 ta' Frar 2010 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ittra lill-Water Services Corporation – Kjarifika'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Culture Office rigward 'Laqgħa għas-Sindki Għawdxin – Notte Gozitana 2010'.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05131/09 – *Alterations and extension to dwellings and to convert existing washrooms to penthouse* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina, Munxar, Applikazzjoni Nru. 00801/10 – *To construct poultry farm* fi Triq Żgħawri, Munxar u Applikazzjoni Nru. 00903/10 – *To carry out minor internal alterations at basement level and add penthouse instead of washrooms approved in permission PA0288/07* fi Triq iż-Żirżieb, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali Kirkop rigward il-'LITUSGO Project'.

## 3.00 Ilmenti.

3.01 Il-Kunsill irċieva Memo 45/2010 rigward Kuntratti ġodda dwar *resurfacing* ta' toroq b' sistema ta' *Public Private Partnership*. Il-kunċett bażiku huwa li Kunsill jidħol fi ftehim ma' Kuntrattur biex dan jagħmel xogħol ta' *resurfacing* fuq numru ta' toroq tal-Kunsill liema toroq ikunu identifikati minn qabel mill-Kunsill fil-ħruġ tas-Sejħa. Dan ix-xogħol irid jitwettaq fi żmien sena. Barra minn hekk, il-Kuntrattur jintrabat li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn it-toroq għal tmien snin.

Il-metodu tal-ħlas ta' dan il-kuntratt ser ikun hekk: wara li jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing*, il-Kunsill ikun irid iħallas 40% tas-somma tal-kuntratt. Wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol, il-Kunsill iħallas 20% tal-kuntratt u wara t-tieni sena l-Kunsill iħallas 10%. Imbagħad għas-snin l-oħra sat-tmien sena, l-Kunsill iħallas 5% kull sena.

Bħala parti mill-iskemi ta' fondi speċjali 2010 kien ġie mħabbar li ser ikun hemm fond speċjali biex jgħin lil dawk il-Kunsilli li jkunu interessati jidħlu f' dan it-tip ta' kuntratt. Għaldaqstant, dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati għandhom jidentifikaw numru ta' toroq li jridu jiġu inklużi fis-Sejħa u jibagħtu lista ta' dawn flimkien ma' stima minn Perit ta' kemm ser jiġi jiswa dan il-kuntratt. Malli d-Dipartiment għall-Gvern Lokali japprova din il-lista, l-Kunsill ikun jista' jipproċedi billi joħroġ is-Sejħa bl-i*specific conditions*. F' dan il-każ, id-Dipartiment jikkommetti ruħu li għall-ewwel sena, jirdoppja l-ammont li l-Kunsill għandu fl-allokazzjoni finanzjarja tiegħu fuq manutenzjoni ta' toroq, filwaqt li għat-tieni sena, l-Kunsill jingħata 25% żieda fuq l-allokazzjoni tiegħu għall-manutenzjoni ta' toroq.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Bord ta' Evalwazzjoni ta' l-Iskema għall-Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni sabiex isiru *Fun Days* u *Sports for All* ġiet approvata. Din l-iskema ser tiswa €4,232.40 u din trid tinqasam bejn il-Kunsill Lokali u l-Bord ta' Evalwazzjoni Skema Attivitajiet Sportivi.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina ġdida quddiem dar fi Triq l-Andrijiet, Munxar. Peress li din hija bankina ġdida din it-talba ser tiġi rreferuta lill-Works Division.

3.04 Sid ta' l-Istabbiliment il-ġdid it-Tmun għadda kopja ta' permess ta' *encroachment* fi Triq ix-Xatt. Is-Sid qed jitlob sabiex din l-*area* tiġi pavimentata. Peress li l-*area* indikata taqa' taħt it-Transport Malta u l-Fisheries Conservation and Control Division, għalhekk irid jagħmel it-talba lilhom.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Product Development Directorate, Malta Tourism Authority rigward il-Proġett ta' Rural Tourism. Qed jitolbu informazzjoni dwar attivitajiet, prodotti tradizzjonali u informazzjoni dwar il-lokalita'.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident fi Triq il-Munxar fejn qed jitlob permess mingħand il-Kunsill sabiex jirranġa l-bankina ta' quddiem il-proprjeta' tiegħu għax hija perikoluża. Ġie deċiż li l-bankina tiċkien ħalli jkun hemm aktar wisa' għall-*parking* ta' karozzi u x-xogħol isir mill-Kunsill. Il-Kunsill ser jieħu lill-Perit fuq il-post sabiex jiġi deċiż jekk huwiex teknikament possibbli. Is-Sid irid jintalab ineħħi l-*pots* li għandu fuq il-bankina.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Area Director Gozo fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex il-Bank HSBC jikri *kiosk* fil-*Parking* tax-Xlendi. Peress li fil-*Parking* hemm żewġ *ex-ATM Kiosks*, huwa ġie mitlub jindika għal liema *kiosk* hu interessat peress li waħda hija devoluta lill-Kunsill u l-oħra hija proprjeta' tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/10(29_03_10).

**5.00 Sejħa għall-Offerti Provvista u Twaħħil ta' Pannelli Solari.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport li ġie mħejji mill-Inġinier Mario Galea mill-Kumpanija Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.

Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fit-18 ta' Marzu 2010 u nstabu ħames offerti:

(1) Frank Borda Ltd. - Option 1: €12,597.
Option 2: €14,727.
(2) Alberta Fire and Security Equipment Ltd. - Option 1: €7,711.
Option 2: €7,590.
Option 3: €8,674.
Option 4: €8,552.
(3) Panta Marketing & Services Ltd. - €12,144.
(4) Bajada International Solar System Ltd. - €10,208.
(5) Solar Engineering Ltd. - Option 1: €9,295.
Option 2: €11,400.

L-Inġinier Mario Galea fir-rapport tiegħu rrikkmanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Alberta Fire and Security Equipment Ltd. minħabba li hija l-orħos offerta u ngħataw il-garanziji kollha skont l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Alberta Fire and Security Equipment Ltd. għal *Option 3*.

**6.00 Kwotazzjonijiet għal Għamara tat-Toroq u *Playing Field*.**

6.01 Il-Kunsill ippubblika Sejħa għall-kwotazzjonijiet għal: Provvista u installazzjoni ta' *railing* tal-i*stainless steel*, Provvista ta' *park benches*, Provvista ta' arbli tad-dawl fuq barra, Provvista ta' qsari u kaxxi għal barra, Provvista ta' reċipjenti ta' l-iskart għal barra, Provvista ta' sinjali tat-traffiku u Provvediment ta' diversi poloz ta' assigurazzjoni.

Peress li l-Kunsill irċieva diversi kwotazzjonijiet ġie deċiż li dawn il-kwotazzjonijiet jiġu diskussi f' laqgħa fuq din il-materja biss.

6.02 Il-Kunsill eżamina l-offerti li rċieva għall-Provvediment ta' tliet poloz ta' Assigurazzjoni:

(1) Untours Insurance Agents Limited - €1,270.24
(2) Laferla Insurance Agency Limited - €1,429.84
(3) Citadel Insurance p.l.c. - €1,602.42

Il-Kunsill iddeċieda li jagħżel il-kwotazzjoni ta' Laferla Insurance Agency Limited peress li l-Kunsill ilu juża s-servizz ta' din il-Kumpanija għal diversi snin u fil-*All Risk Policy* l-*Excess* huwa ta' €60 u 10% għal kull *claim* għall-proprjeta' ta' barra filwaqt li l-Untours Insurance Agents Limited qed toffri *Excess* ta' €115.

**7.00 Sejħa għall-Offerti għal Ġbir ta' Skart Domestiku.**

7.01 Il-Kunsill hu tal-fehma li jekk jingħaqad ma' Kunsilli oħra, l-prezz ser ikun aktar vantaġġjuż milli kieku toħroġ Sejħa għal-lokalita' tal-Munxar biss. Hemm il-possibbilta' li l-Kunsill joħroġ Sejħa għall-offerti mal-Kunsill ta' Sannat, Xewkija u Xagħra. Hemm ippjanat li ssir laqgħa ma' dawn il-Kunsilli.

7.02 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bżonnijiet għall-Munxar u Xlendi sabiex jiġu inklużi fis-Sejħa għall-offerti.

Ġbir ta' Skart Domestiku jsir nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ħamis u Sibt.
Ġbir ta' Skart Separat isir nhar ta' Tlieta u Ġimgħa.
Fix-Xlendi jsir ġbir ta' Skart Domestiku kuljum fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru.
Ġbir ta' Skart Domestiku nhar ta' Ħadd fix-Xlendi fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru fid-9 ta' filgħodu.
Il-ħin tal-ġbir ta' Skart Domestiku u Separat isir fit-8 ta' filgħodu.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tpoġġija ta' madum fil-*Playing Field* daqt jitlesta u hu kkalkulat li fi żmien ġimgħatejn oħra jkun lest. Il-Perit qed jissuġġerixxi li jsir *coping* bl-irħam taħt ir-*railing* li ser isir fil-*Playing Field*. Il-Kunsill kien ser jiġbor stimi għal dan il-*coping*.

8.02 Fil-Bajja tax-Xlendi qed jitkompla xogħol ta' manutenzjoni l-aktar fuq xogħol ta' żebgħa u żbir ta' siġar.

8.03 Il-ġimgħa l-oħra kienu saru l-lampi ta' fuq iz-Zuntier tal-Knisja tax-Xlendi.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku beda r-rapport tiegħu billi feraħ lill-membri eletti għall-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi u awguralhom ħidma fejjieda għal ġid tal-Komunita' tax-Xlendi. Dan il-Kumitat ser jibda jiffunzjona minn Lulju 2010 u għalhekk sa dak iż-żmien ir-responsabbilta' tax-Xlendi ser tibqa' f' idejn il-Kunsill.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għall-aħħar laqgħa tal-Gozo Joint Committee For Law Enforcement peress li mill-1 t' April 2010, is-sistema ta' infurzar ser titmexxa mill-Kumitat Reġjonali.

9.03 Bħalissa l-Kunsill għaddej bil-preparazzjoni ta' l-Applikazzjoni tal-European Regional Development Fund – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life. Is-Sindku talab sabiex f' din l-applikazzjoni jiġi inkluż ix-Xlendi iżda dan ma jistax isir peress li l-Ministeru għal Għawdex ser japplika għax-Xlendi għalih. Il-Kunsill applika wkoll sabiex ikun *partner* ma' lokalita' fl-Italja.

9.04 Is-Sindku wasallu ilment li l-*buses* ma humiex jipparkjaw fil-*Parking* riservat għalihom u għalhekk il-Kunsill għandu jiktbilhom u nitolbuhom sabiex jibdew jipparkjaw il-*buses* tagħhom f' dik l-*area* riservata għalihom.

9.05 L-Inġinier Inkarigat mill-fanali tax-Xlendi qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel trinka biex jgħaddi s-*supply* tad-dwal tal-fanali tal-*promenade* tax-Xlendi. Fi Triq il-Kantra saret katusa ta' l-ilma tal-bjut li titfa' għal fuq il-blat ta' taħt Triq il-Kantra, Xlendi. Dan il-blat huwa ta' proprjeta' privata u għaldaqstant il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn.

9.06 Fl-aħħar laqgħa tas-Sindki, ġie diskuss dwar liema Kumpanija qed toffri l-aħjar pakkett sabiex jinġabar Skart Separat. Din il-materja ser tiġi diskussa fl-laqgħa oħra.

9.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-trasport mill-Iskejjel Sekondarja għall-Munxar ma huwiex qed jgħabbi lit-tfal kollha tal-Munxar. Huwa kellu laqgħa ma' Ms Joyce Dimech, Direttur Customer Services, Ministeru għal Għawdex u ssuġġeriet li l-istudenti tal-Munxar ikollhom *pass* mill-Kunsill sabiex juruh qabel jitilgħu fil-*bus* u jkollhom preferenza.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-verżjoni Finali tal-*Financial Statements* għall-perjodu 1 t' April 2009 sa Diċembru 2009 hekk kif ivverifikati mill-Awditur. Għal din is-sena finanzjarja l-Kunsill spiċċa b' *surplus* ta' €1,346.00. Kien hemm qbil biex dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati sabiex jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Munxar hemm munżell trab mal-ġenb tat-triq. Huwa ssuġġerixxa li dan jitneħħa. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Ġnien Ragalna għandu bżonn li jitnaddaf. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill isib lil xi ħadd u jagħtih €50 biex inaddfu. Is-Sindku informah li għadu kemm beda ħaddiem fl-iskema ta' Xogħol fil-Komunita' mħaddem mill-E.T.C. u ser jintbagħat hemm.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Resident fi Triq Ras il-Bajjada talab lis-Sindku sabiex ir-*road hump* li għandu quddiem id-dar tiegħu tittawwal sal-ħajt sabiex il-vetturi ma jkunux jistgħu jevitaw ir-*road hump* u jżommu fuq naħa waħda tat-triq. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri ssuġġerixxa li ssir *road hump* fi Triq Dun Spir Gauci. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti dwar din ir-*road hump*.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 28 t' April 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |